

*Sensiela Bubaqra fl-Antik*

# Il-Kult Popolari tal-Qaddisin f'Kappelli Qodma f'Bubaqra tal-Imgħoddi

**Raymond Schembri**

Din hija t-tielet sena li qed nikteb artiklu fuq l-irħajjel ta' Bubaqra, li tant għandi għal qalbi. Sibt ħafna nkorraġiment sabiex inkompli nagħmel dan, u ltqajt ma' ħafna nies li qraw iż-żewġ artikli ta' qabel u għaddewli kummenti sbieħ u qalu li tgħallmu ħafna b'dak li qraw. Qaluli li sabuhom ta' interess pubbliku, speċjalment għall-ġenerazzjoni żagħżugħa. Nixtieq inrodd ħajr lis-Sur Joseph Buhagiar tat-teżi li kien għamel fuq Bubaqra u li minnha qed nieħu ħafna tagħrif. Inrodd ħajr ukoll lis-Sur Annetto Camilleri tal-għajnuna tiegħu, lis-Sur George Camilleri tar-ritratti u lis-Sur Kevin Block tal-fiduċja li jagħtini bħala l-editur, sabiex jiġi stampat fil-programm tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Din is-sena ktibt rigward il-kappelli qodma li kien hemm f'Bubaqra snin ilu. Ta' interess pubbliku hu li f'irħajjel żgħir bħal Bubaqra, lanqas tobsor li kien hemm tmien kappelli, li minnhom għad fadal tlieta u fdal t'oħra. Mela niġu għas-suġġett u nibdew insemmuhom waħda waħda.

Għalkemm sa madwar erbgħin sena ilu Bubaqra, bħala raħal kien maqtugħ għalkollox mir-raħal taż-Żurrieq, f'dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tas-sagramenti, Bubaqra minn dejjem kien jagħmel parti mill-parroċċa taż-Żurrieq. Bħal f'kull raħal ieħor, f'Bubaqra wieħed kien isib għadd ġmielu ta' kappelli ddedikati lil diversi qaddisin u lill-Madonna taħt titli differenti. Dawn, flimkien mal-ismijiet li kienu jingħataw lit-trabi fil-magħmudija, huma xhieda tad-devozzjoni qawwija matul dak iż-żmien. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ismijiet nitkellmu iżjed fid-dettall 'il quddiem f'xi artiklu li jittratta dan is-suġġett.

Dari, in-numru ta' kappelli li wieħed kien isib ġo Bubaqra kien ferm ikbar minn dak tal-lum. F'dan l-irħajjel kienu jinsabu xejn inqas minn tmien kappelli, li minnhom illum baqa' biss erbgħa: dik ewlenija ta' Santa Marija, ta' San Leone (Sant Lew), li madwarha hemm iċ-ċimiterju, ta' San Leonardu li maż-żmien bdiet tintuża bħala dar residenzjali u fdalijiet tal-kappella ddedikata lil San Mikiel is-Sinċier.

Il-kult lejn San Anard, fl-antik, kien qawwi mhux ħażin għaliex dan il-qaddis hu meqjum bħala l-qaddis protettur tal-ilsiera. Ġo Bubaqra kienet tinsab

kappella ddedikata lil San Anard, fi sqaq li hemm fil-pjazza ewlenija u li jġib l-istess isem. Illum din il-kappella sservi bħala dar residenzjali privata. Aħna t-tfal ta' Bubaqra, din il-kappella konna nsibuha bħala d-dar *Tal-Fissa*.



*Illum dar residenzjali, l-eks Kappella ta' San Leonardu.*

Fi żjara li Mons. Duzzina kien għamel f'din il-kappella sab li kien fiha ħafna affarijiet neqsin. Mid-dħul tal-qbiela ta' żewġ għelieqi li kien hemm mhux wisq bogħod mill-kappella, Domenicus Barbara kien jieħu ħsieb li nhar il-festa ta' San Anard jitkantaw il-*primi vespri* u titqaddes quddiesa, kif ukoll kellu jitqassam xi ikel lill-fqar mid-dħul tal-interessi.

F'din il-kappella kien hemm artal iddedikat lis-*Salutationis B. Mariae*. Fuq dan l-artal kien jitkanta l-għasar u titqaddes quddiesa fil-festa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna. Matul l-ottava kollha tal-imsemmija festa kien jerġa' jitkanta l-għasar. Jidher ukoll li din il-kappella kienet popolari ħafna man-nies tal-inħawi għaliex il-viżitatur Pontremoli sab li kienet titqaddes quddiesa fil-ġimgħa minn Dun Gaspare Falson, u li kien jinxtgħel il-lampier fil-ġranet kollha tal-obbligu.

L-Isqof Balaguer sab li Jacobi Magro kellu jieħu ħsieb li jitkantaw il-*primi vespri* u li jitqassam xi ikel lejlet il-festa tal-Viżitazzjoni, kif ukoll li titqaddes quddiesa nhar il-festa. Minflok l-għasar ta' matul l-ottava tal-festa, il-viżitatur ordna li jitqaddsu sitt quddisiet oħra fil-festi prinċipali tal-Madonna, minbarra dik tal-Viżitazzjoni.

Sa qabel l-1637 jidher li kien hemm kwadru li l-viżitatur jiddeskrivih bħala '*vetustissimo*' u li kien juri lil San Anard flimkien mal-Madonna. Fiż-żjara li l-Isqof Alpheran għamel f'din il-kappella, isemmi kwadru ieħor li juri lill-Madonna bil-Bambin fil-parti ta' fuq, filwaqt li fin-naħa t'isfel jidher San Anard bi skrizzjoni "*Divo Leonardo Captivarum Patrono – Margarita Farrugia 1637*". Jidher li l-Isqof Pellerano ipprofana din il-kappella, minħabba li nsibu miktub li ordna li l-obbligi kollha li kienu jitwettqu f'din il-kappella, kellhom jiġu trasferiti għall-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.

## Il-Kappella tal-Bambina

Kappella oħra li kien hemm Bubaqra, hi dik iddedikata lit-twelid tal-Madonna, jew kif inhi magħrufa mal-Maltin bħala l-Vitorja jew tal-Bambina. Quddiem din il-kappella kien hemm zuntier żgħir. Mons. Duzzina sab li għall-festa, Simon Mangion kellu jieħu ħsieb li jsiru l-*primi vespri*, u li titqaddes quddiesa, kif ukoll li jinxtgħel il-lampier.

Għall-ħabta tal-1634, ċertu Dun Salvatore Mangion, li kien jiġi t-tifel ta' Simon Mangion, kellu jieħu ħsieb ukoll li jingħata xi forma ta' kolazzjon lill-fqar tal-inħawi, kif ukoll li ssir ikla lill-kappillan. L-ispejjeż kollha kellhom jinfdew mid-dħul t'għalqa magħrufa bħala *Ta' Germun* fl-inħawi tal-*Baccari el Fucanin*. Jissemma wkoll li f'din il-kappella kien hemm kwadru sabiħ.

Jidher imma li din il-kappella ma tantx kienet ikkurata, għaliex l-Isqof Balaguer ordna li għandha tiġi profanata, u li l-piżijiet li kellhom isiru fiha kellhom jiġu trasferiti lejn il-Parroċċa taż-Żurrieq.

## Il-Kappella ta' San Leone u ċ-Ċimiterju

Din hija waħda mill-kappelli li għad baqa' f'Bubaqra u man-nies aktar hija magħrufa bħala l-Kappella taċ-Ċimiterju. Ta' min jgħid li din il-kappella nbniet ħafna snin qabel ma sar iċ-ċimiterju madwarha. Fil-viżita pastorali ta' Mons. Duzzina naqraw li din il-kappella, li hija benefiċċjali, kienet meqjusa bħala 'l-Ewlenija ta' Bubaqra', u fil-fatt kien jieħu ħsiebha l-kappillan taż-Żurrieq. Ma tantx jidher li kienet ikkurata għax il-viżitatur ordna li flimkien ma' xi affarijiet oħra, kellu jissewwa z-zuntier li kien hemm quddiemha.

"Meta kien qed iżur il-knisja ta' Sant Lew ta' Bubaqra, il-kappillan Bartolo resaq u stqarr li fuq il-gżira ta' Filfla kien hemm imwaqqfa kappella li kien jagħmel minnha Dun Nikol Burlo, u li r-renta tagħha kienet tħallilu sitt uqijiet. Iżda ma kienx jista' jseħħ l-obbligu f'dik il-knisja kif kien jixraq minħabba li

bejn ir-raħal u Filfla hemm baħar ġmielu x'jaqsam. U għalhekk Bartolo kien qed jitlob lill-Inkwiżitur biex jittrasferixxi l-benefiċċju ta' Filfla għal dik il-knisja ta' Sant Lew, billi fl-inħawi ta' Bubaqra kien hemm l-artijiet tal-benefiċċju.

Mons. Dussina, wara li stħarreġ sew li kien inkomodu kbir biex tasal Filfla, "*in insulam cum difficultate accadi*", u billi wkoll għall-quddiesa li titqaddes f'dik il-kappella ma jkunx hemm ħlief sajjieda, "*nisi quidam pauci pescatores*", ordna li dak il-benefiċċju bil-qliegħ tiegħu u l-obbligi li jagħmlu minnu, jgħaddu għall-knisja ta' Sant Lew ta' Bubaqra. Ir-rettur ta' Bubaqra b'danakollu, aktar wara kien miżmum milli jwaqqaf artal ġewwa l-knisja ta' Sant Lew, li kellu jiġi ddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, it-titular tal-knisja ta' Filfla. Għalhekk ftit jiem wara ġabu l-kwadru qadim ta' Filfla u poġġewh fil-kappella ta' Sant Lew f'Bubaqra. Ta' min jgħid li xi snin ilu dan il-kwadru, li jġib is-sena 1604, ittieħed minn din il-kappella u tpoġġa fil-knisja parrokkjali, minħabba li kien qed isir xi serq minn kappelli li kienu fl-imwarrab. In-nies ta' Bubaqra jixtiequ li dan il-kwadru jerġa' jsib postu fil-kappella ta' Sant Lew."

l-Isqof Gargallo jgħidilna li fiz-zuntier ta' quddiem il-kappella kien hemm midfuna l-vittmi tal-pesta tal-1592 li fosthom jingħad li kien hemm nies li kienu qaddisin.



*Niċċa ta' San Ġużepp fi Triq San Leone.*

Fil-festa ta' Sant Lew, li kienet issir fit-28 ta' Ġunju, kienet titqaddes quddiesa u jitkanta l-għasar, kif ukoll jinxtegħel il-lampier.

Jidher li xi nies kienu qed jisirqu l-katavri miċ-ċimiterju, u għalhekk l-Isqof Cagliares ordna li min jinqabad kellu jiġi skomunikat. Min-naħa l-oħra, ma tantx kienu jieħdu ħsieb dan iċ-ċimiterju, tant li l-Isqof Balaguer ordna li jinbnew ħitan madwaru biex ma jidħlux annimali. Min kien jinqabad idaħħal xi annimali jeħel multa ta' żewġ xemgħat, li jmorru għall-bini mill-ġdid tal-kappella.

Mid-dehra baqa' ma sar xejn, għaliex f'viżita oħra li għamel f'Bubaqra, l-Isqof Balaguer ordna li din il-kappella tiġi profanata u li l-piżijiet li kien hemm marbuta magħha jiġu trasferiti lejn il-Parroċċa taż-Żurrieq. Iktar tard Balaguer reġa' ordna li l-kappella terġa' tinfetaħ u jinbena ħajt madwar iċ-ċimiterju, kif ukoll li jittella' salib biex juri li dak il-lok hu post sagru. Fil-fatt u l-kappella nbniet mill-ġdid f'nofs iċ-ċimiterju u l-ispejjeż ħariġhom Dun Salvatore Fenech J.U.D.

Fil-viżita tal-Isqof Gargallo jissemma' kwadru ġdid li juri lill-Madonna u lis-Santissima Trinità fil-parti ta' fuq, filwaqt li fin-naħa t'isfel kien hemm San Leone jitlob.

Iktar 'il quddiem insibu li l-quddiesa ta' nhar il-festa kienet titqaddes minn erba' qassisin, filwaqt li kien jitqassam ukoll xi ikel u nbid. Minflok il-kolazzjon l-Isqof Labini ordna li jitqassmu 3 itmien qamħ magħmul ħobż lill-fqar tal-inħawi.

Sal-1949, id-dfin kollu kien għadu jsir fil-knisja taż-Żurrieq. Fil-fatt l-aħħar dfin li sar fil-knisja parrokkjali kien sar fl-1949 imma meta dan ma setax jibqa' jsir, iċ-ċimiterju li kien hemm mal-kappella ta' Sant Lew, sar iċ-ċimiterju tal-komunità kollha taż-Żurrieq. Għal din ir-raġuni kellu jitkabbar biex ilaħħaq mad-domanda li kien hemm għall-oqbra. Hawn nixtieq nagħti spjegazzjoni rigward il-kappelli antiki taż-Żurrieq u l-kumplament tista' tgħid ta' Malta kollha u d-dfin. Fl-antik id-dfin kien isir madwar il-kappelli kollha u fiz-zuntier ta' xi kappelli li kellhom iz-zuntier magħhom. Dan li qed ngħid jien, hu fi żmien li l-knejjes il-kbar tal-parroċċi kienu għadhom lanqas biss jeżistu. Wara li nbnew il-knejjes kbar tal-parroċċi, id-dfin beda jsir fihom, iżda ċerti ċimiterji fl-irħula bħal fil-każ taż-Żurrieq, beda jintuża għal dawk li jkunu mietu b'mard li jittieħed.

Hawn nixtieq nirrakonta fatt li seħħ tassew, skont il-kalkoli tiegħi fis-sena 1945 jew viċin. Kawża ta' dan l-inċident għal ftit ma ħalliex konsegwenzi serji ħafna fiż-Żurrieq, speċjalment f'Bubaqra. Din l-istorja bdiet billi kien hemm funeral ta' raġel miż-Żurrieq li dan miskin kien miet b'marda li tittieħed. Waqt it-traġitt mill-isptar bil-karru, bil-mejjet fih, il-

katavru nfaqa' fil-karru miġbud miż-żwiemel. Ġara li l-kuċċier li kien mill-Imsida, qabbad tifel minn Bubaqra biex jaħsillu l-karru fuq l-għajn tal-ilma, li kien hemm qabel taqbad in-niżla għall-Pjazza Santa Marija, u ta' dan iħallsu sitt soldi. U dan, ta' tifel li kien u l-faqar li kien jeżisti, aċċetta li jaħsel il-karru. Ma kienx mument li aċċetta, miskin dan it-tifel x'destin kien hemm jistennieh. Ġara li dan it-tifel qabditu marda jgħidulha *Tal-Bubini* (speċi ta' pesta), u fi ftit jiem miet. Fil-granet ta' wara mietu tlieta min-nies oħra bl-istess marda. Dak it-tifel b'koinċidenza kien jaħbat il-filjozz ta' missieri, għax kien il-parrinu tiegħu fil-Griżma tal-Isqof li kien għadu kif għamel.

Iċ-ċimiterju llum il-ġurnata hu miżmum tajjeb ħafna u fih wieħed jista' jammira d-diversi monumenti sbieħ bi xbihat tal-Madonna tal-Karmnu fuq il-biċċa l-kbira tal-oqbra. Snin ilu ċ-ċimiterju kien jiftaħ nhar ta' Ħadd biss, biex kull min ikun irid iżur lil qrabatu mejtin kien jista' jagħmel dan. L-aktar li n-nies kienet iżżur iċ-ċimiterju kien f'Novembru, fil-festi tal-Qaddisin Kollha u tal-Erwieħ. Dak iż-żmien Bubaqra konna nagħtu daqqa t'id lil Dun Salv Farrugia, billi noqogħdu nwaħħlu l-fanali bix-xemgħa fuq l-oqbra u n-nies kienu jieħdu ħsieb iżejnu l-oqbra bil-kuruni tal-fjuri u bl-inkwatri tal-qraba mejtin.

Fil-festa tal-Qaddisin Kollha l-arċipriet kien jitla' Bubaqra flimkien mal-korteo jbierek l-oqbra. Matul Novembru kollu kienet titqaddes quddiesa kuljum fiċ-ċimiterju ta' Sant Lew. Fil-festa tal-Erwieħ kienu jitqaddsu tliet quddisiet wara xulxin. Niftakar kif darba meta kont abbati, Dun Salv inkarigani biex waqt dawn it-tliet quddisiet tal-Erwieħ jien nitla' fuq il-bejt tal-kappella ta' Sant Lew biex indoqq il-qanpiena waqt il-quddies. Sintendi kien ikun għadu d-dlam. Tħares 'l isfel ħlief oqbra bix-xemgħa tteptep fuqhom ma tarax u biex tkompli tgħaqqad kien riħ qawwi. Jien kont imbeżża ħafna f'dik is-sitwazzjoni u l-ħin kollu nitlob lill-Bambin biex ifittex jisbaħ. F'daqqa waħda mill-ġenb tal-kappella fejn kien hemm l-oqbra tat-trabi, bir-riħ qawwi, titla' borża kbira tal-banana u l-qatgħa li ħadt dakinhar ma ninsieha qatt.

### Ta' San Ġwann Battista

Din il-kappella kienet mibnija sewwa sew fid-daħla taċ-ċimiterju ta' San Leone, fuq in-naħa tal-lemin. Insibu wkoll li quddiem din il-kappella kien hemm midfen żgħir imdawwar bil-ħitan. Għalkemm ma tantx jidher li l-kappella kienet ikkurata, il-poplu kellu devozzjoni kbira lejha, tant li fil-ġranet ta' festa kienet titqaddes quddiesa.

Mid-dħul li kien hemm fuq dar faċċata tal-kappella, u minn biċċa art mhux wisq 'il bogħod, ċertu Mariano Barbara kien obbligat li jara li jitkantaw il-*primi vespri* u li titqaddes quddiesa nhar il-festa ta' San Ġwann Battista. Kien jingħata wkoll speċi ta' kolazzjon lill-fqar tal-inħawi. Il-kwadru li kien hemm f'din il-kappella x'aktarx li trittiku, u kien juri lil San Ġwann Battista fin-nofs, flimkien ma' San Pawl u San Ġakbu fuq kull naħa tiegħu.

Aktarx li din il-kappella kienet ġiet profanata għaliex ma tissemmiex fil-viżita pastorali li l-Isqof Balaguer kien għamel bejn l-1662 u l-1663. Għal din ir-raġuni saret talba lill-Isqof biex il-kappella terġa' tinfetaħ minħabba d-devozzjoni kbira li kienet tgawdi, l-aktar fi żminijiet meta kien ikun hawn nuqqas ta' xita. L-Isqof laqa' din it-talba iżda ma għaddiex wisq żmien li ma reġgħetx ġiet profanata u l-pitturi kollha li kien hemm ġew trasferiti għal fuq l-artal maġġur tal-knisja taż-Żurrieq.

### Ta' Santa Marija

Din il-kappella jew knisja kif wieħed jista' jsejħilha llum il-ġurnata, hi dik ewlenija ta' dan l-irħajjel fejn fiha jsir il-quddies kuljum. Sa mill-1575 nsibu li kienet issir xi forma ta' ċelebrazzjoni nhar il-festa tal-Assunta. Minflok l-ikel li kien jitqassam lin-nies batuti nhar il-festa ta' Santa Marija, il-viżitatur Pontremoli ordna li titqaddes quddiesa jew fil-festa ta' San Ġużepp, jew fil-festa ta' San Duminku jew inkella l-flus kellhom jintefqu f'affarijiet meħtieġa għall-kappella. Ir-raġuni li għaliha ntgħażlu dawn iż-żewġ qaddisin kienet li l-kwadru ewlieni kien juri lill-Madonna, b'San Ġużepp fuq naħa, u San Duminku fuq in-naħa l-oħra. Minn dawn it-tnejn intgħażlet il-festa ta' San Duminku, u f'nharha kien jitkanta l-għasar u titqaddes quddiesa *letta*.

Jidher li f'xi żmien bejn l-1659 u l-1729 inbidel il-kwadru, għaliex fil-viżita pastorali tal-Isqof Alpheran de Bussan jingħad li l-kwadru ewlieni juri lill-Assunta fil-parti ta' fuq, filwaqt li fin-naħa t'isfel jidhru l-appostli madwar il-qabar, flimkien ma' San Duminku. Insibu wkoll li kien jinxtegħel il-lampier u jitqassam xi ikel nhar il-festa ta' San Duminku.

Jissemma wkoll artal iddedikat lil Santu Rokku, u li fuqu kienu jitkantaw il-*primi vespri* u titqaddes



*Il-Knisja ta' Santa Marija.*

quddiesa nhar is-16 t'Awwissu. Fuq dan l-artal kien hemm kwadru li juri lil Santu Rokku u San Bastjan u kien jitkanta l-għasar u titqaddes quddiesa kantata nhar il-festi taż-żewġ qaddisin. Dawn il-festi kienu jsiru għax il-kappella li kienet iddedikata lil dawn iż-żewġ qaddisin kienet ġiet ipprofonata fl-1658. Wara l-pesta tal-1676 kienet inbniet kappella oħra, f'forma aħjar, minflok iż-żewġ kappelli antiki li kien hemm. Din il-kappella ġdida ta' Santa Marija nbniet mill-ġbir tal-poplu.

Billi l-komunità ta' Bubaqra baqgħet dejjem tikber, Dun Salv Farrugia, il-prokuratur ta' din il-knisja, wera x-xewqa li jkabbarha. Fil-fatt nhar is-7 t'Ottubru 1961, beda x-xogħol tat-tkabbir. Minħabba l-antikità tal-kappella l-qadima, din ma twaqqgħetx, imma ġiet inkorporata fil-knisja l-ġdida li hemm illum.

Niftakar il-kappella l-qadima waqt il-quddies, in-nies ta' Bubaqra kulħadd marsus ma' xulxin. Niftakar ukoll il-gallarija tal-orgni, li kont trid titla' għaliha b'sellum twil minn mal-ġenb tal-bieb prinċipali, fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fil-kappella. L-orgni li għadu jeżisti, hu antik ħafna u kellu żewġ imniefaħ biex ikun jista' jindaqq. Is-sagristan kien ċertu Mikiel Saliba *Ta' Zokor* u dan kien jipprova mill-aħjar li jista' biex idoqq l-orgni, iżda dan miskin qatt ma kellu opportunita jitgħallem idoqqu u allura mhux dejjem kien idoqq kif wieħed kien jixtieq. L-aktar meta t-tfal ma jkunux qed jaqblu fil-mod kif ikunu qed jużaw il-manfaħ, għax dawn l-imniefaħ ikunu jridu jakkumpanjaw lil xulxin. Wieħed tiela' u l-ieħor nieżel f'armonija, biex l-orgni dejjem ikollu l-arja u jkun jista' jindaqq. Aktar tard meta saret il-knisja li hemm illum, dan l-orgni ġie mmodifikat b'sistema moderna u għadu jista' jindaqq sal-lum.

Niftakar ukoll meta kienet qed tinbena l-knisja tal-lum, l-irġiel ta' Bubaqra, l-biċċa l-kbira tagħhom kollha meddew idejhom volontarjament għal din l-opra. Aħna t-tfal ukoll konna nagħtu s-sehem tagħna u waħda minnhom kienet biex inqassmu t-te u l-kafè. Darba jien u ieħor li kien sentejn akbar minni fl-età, ċertu Kelinu Mifsud (*Kinu Tal-Ixkubett*) li kien ftit imqareb, morna nġibu t-te u dan daħħalha f'moħħu li lil wieħed mill-ħaddiema, ċertu Ġanni *l-Batunis,* jitfagħlu żrara daqs ċiċra fit-te' tiegħu u hekk għamel. Malli newwillu t-tazza bit-te, dan Ġanni qabbadha ma' ħalqu u xorob it-te f'daqqa, kif kien iħobb jagħmel. Tistgħu taħsbu fejn spiċċat iż-żrara!



*Ritratt meħud fil-bidu tas-snin sittin tal-kappella ta' Santa Marija l-antika.*



*Statwa sabiħa ħafna fil-ġebla Maltija ta' Santa Marija fil-pjazza ta' Bubaqra.*

### Kappella ta' San Bastjan

Minħabba li fl-imgħoddi Malta ntlaqtet kemm-il darba mill-marda qerrieda tal-pesta, ma setax jonqos li l-kult lejn San Bastjan ma jkunx fl-aqwa tiegħu. Dan għaliex San Bastjan flimkien ma' Santu Rokku, huma

meqjusin bħala l-qaddisin protetturi kontra l-*mewt is-sewda*. Għalhekk ma setax jonqos li f'Bubaqra ma jkunx hemm kappella ddedikata lil dan il-qaddis.

Din il-kappella kienet tmiss mal-kappella ta' Santa Marija. Angelus Bonavia kellu jieħu ħsieb li jsir l-għasar u li titqaddes quddiesa nhar il-festa. il-kwadru ewlieni kien juri lil San Bastjan u Santu Rokku, u jingħad li kien sabiħ ħafna. Quddiemu kien jinxtegħel il-lampier minn Augustinus Formosa.

Għalkemm l-obbligi li kien hemm f'din il-kappella kienu kollha qegħdin jitwettqu, l-Isqof Balaguer ordna li kellha tiġi profanata.

## Kappella ta' San Mikiel

Din il-kappella kienet tinsab fil-kampanja ta' madwar Bubaqra, *rurales Bubacra,* eżattament fejn l-akwata magħrufa bħala *Landar* u *Tax-Xewki*. Il-festa li kienet issir fid-29 ta' Settembru – *Sti Michaelis de mensa Septembrius,* kienet tiġi ċċelebrata billi jitkanta l-għasar u titqaddes quddiesa. Kien jinxtegħel il-lampier u jingħata xi ikel kemm lill-kappillan, kif ukoll lill-fqar tal-inħawi. L-ispejjeż kienu jinfdew mid-dħul li kien ġej minn diversi għelieqi.

Fil-kappella kien hemm pittura sabiħa li turi lil San Mikiel Arkanġlu. Wara l-kwadru kien hemm bħal spazju, aktarx *lapside* fejn kien hemm pittura antika. Dun Luret Zammit jgħidilna li għall-bidu tas-seklu għoxrin kienu għadhom jidhru biċċiet minn dan l-affresk, li jingħad li kien ta' stil *Siculo-Biżantin*. Għalkemm il-pittura kienet miżmuma tajjeb ħafna u l-obbligi kollha kienu qegħdin jiġu mwettqa, l-Isqof Balaguer ordna li din il-kappella kellha tiġi profanata, billi l-bieb jiġi mbarrat bil-ġebel u li l-piżijiet kollha kellhom jiġu ttrasferiti fil-parroċċa taż-Żurrieq.

Għalkemm il-kappella kienet iddedikata lil San



*L-awtur ta' dan l-artiklu flimkien mal-mibki u qatt minsi, il-ġurnalist Anton Cassar, ma parti mill-kappella ta' San Cier.*



*Fdalijiet tal-Knisja Siculo-Biżantina ta' San Cir*

Mikiel, man-nies kienet aktar magħrufa bħala *San Mikiel is-Sinċier* jew *San Ċier*. Minn dan il-fatt jista' jingħata ħjiel ta' kif bdiet id-devozzjoni lejn San Ċier madwar din il-kappella. Fil-fatt għalkemm il-kappella sfat mitluqa u saret ħerba, in-nies xorta baqgħet tikkonkorri lejha u dawk l-ommijiet li kien ikollhom lil xi ħadd marid, speċjalment tfal żgħar, kienu jeħduhom u jidfnuhom sa qaddhom fil-ħamrija ta' madwar ir-rovini tal-kappella. B'fidi kbira kienu jitolbu lil San Ċier ifejjaq lill-morda tagħhom. Mit-tagħrif li kont nisma' mix-xjuħ ta' Bubaqra, it-talba kienet tkun xi ħaġa hekk:

"Nitolbok minn qiegħ qalbi O' San Ċier. Ġibli 'l ibni bħalma kien."

Dawk ix-xjuħ ta' tfuliti kienu jgħidu li jiftakru każijiet bħal dawn u mhux l-ewwel darba li kien hemm xi ħadd li fieq.

## Kappella ta' Sant'Andrija

Kappella oħra li kienet tinsab fil-kampanja ta' madwar dan l-irħajjel, kienet dik iddedikata lil Sant'Andrija. Din il-kappella kienet tgawdi devozzjoni kbira fost il-poplu, tant li kienet titqaddes quddiesa mill-ġbir tal-poplu, speċjalment fost is-sajjieda taż-Żurrieq u tal-inħawi.

Dawn kienu jieħdu ħsieb li jsiru l-*primi vespri,* titqaddes quddiesa u li jinxtegħel il-lampier fil-ġurnata tal-festa. Il-kwadru ewlieni, li kien impitter fuq it-tila kien juri lil Sant'Andrija Appostlu. Għalkemm din il-kappella kienet miżmuma tajjeb ħafna, l-Isqof Balaguer ordna li kellha tiġi profanata. Dan għaliex billi kienet fl-imwarrab, kienu qegħdin isiru xi atti ta' indiċenza fiha.